MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 257/2003

**Mizzi Automotive Services Ltd**

**Vs**

**David Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm366.35), prezz ghall-bejgh u konsenja ta’ merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Louis Thompson in rapprezentanza tas-socjeta attrici jixhed bil-gurament.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm366.35), bl-imghax kif miltub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------